2025/2221

7.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2221

tal-31 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/364 fir-rigward tal-bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Frar 2023, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/364 ([2]) ta awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0028425-0000 lil Ecolab Deutschland GmbH, għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1". L-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal dik il-familja ta' prodotti bijoċidali.

(2) Fit-30 ta' Novembru 2023 u fis-17 ta' Diċembru 2024, Ecolab Deutschland GmbH ippreżentat notifiki lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija"), f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([3]), ta' bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1", kif imsemmi fit-Titolu 1 tal-Anness ta' dak ir-Regolament. In-notifiki ġew irreġistrati fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali ("ir-Reġistru") bin-numri tal-każ BC-KE090454-43 u BC-JF101949-39. Il-bidliet proposti notifikati għal dik l-awtorizzazzjoni jikkonċernaw kjarifika tal-istruzzjonijiet għall-użu għall-prodotti kollha fil-familja, iż-żieda ta' ismijiet kummerċjali ġodda, it-tneħħija u ż-żieda tal-formulaturi tal-prodotti bijoċidali u ż-żieda tal-manifatturi tas-sustanzi attivi.

(3) Fl-24 ta' Jannar 2024 u fis-16 ta' Jannar 2025, f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, l-Aġenzija ppreżentat lill-Kummissjoni opinjonijiet ([4]) dwar il-bidliet amministrattivi notifikati lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1", flimkien ma' sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali. Fl-opinjonijiet, l-Aġenzija tikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet amministrattivi kif imsemmi fl-Artikolu 50(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 1, it-Taqsimiet 1 u 2, tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jibqgħu jiġu ssodisfati.

(4) Fit-23 ta' Jannar 2025, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, li jkopri l-bidliet amministrattivi kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/364 tas-16 ta' Frar 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 50, 17.2.2023, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/364/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

([4]) L-Opinjonijiet tal-ECHA Nri UAD-C-1706275-25-00/F tal-24 ta' Jannar 2024 u UAD-C-1790252-35-00/F tas-16 ta' Jannar 2025 dwar il-bidla amministrattiva fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1", https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

(5) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk jidhrilha li jixraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1" biex tintroduċi l-bidliet amministrattivi mitluba minn Ecolab Deutschland GmbH.

(6) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi, l-informazzjoni l-oħra kollha inkluża fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ta' "IPA Family 1" kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/364, tibqa' l-istess.

(7) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali li trid tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/364 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu. Minħabba bidla fil-format użat għall-ġenerazzjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali fir-Reġistru fi Frar 2024, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali f'dak l-Anness jenħtieġ li jinkludi wkoll xi bidliet editorjali u fit-tqassim minuri.

(8) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2023/364 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2023/364 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal familja ta' prodotti bijoċidali

IPA Family 1

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0028425-0000

Numru tal-assi R4BP EU-0028425-0000

PARTI I.

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	IPA Family 1

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Ecolab Deutschland GmbH
	Indirizz	Ecolab Allee 1 40789 Monheim am Rhein DE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028425-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0028425-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	9.3.2023	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	28.2.2033	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Ecolab Europe GmbH
Indirizz tal-manifattur	Richtistrasse, 7 8304 Walliselen L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Europe GmbH site 1 Richtistrasse, 7 8304 Wallisellen L-Iżvizzera

Isem tal-manifattur	Ecolab Limited

Indirizz tal-manifattur	Brunel Way, Baglan Energy Park, SA11 2GA Neath Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Limited site 1 Brunel Way, Baglan Energy Park, SA11 2GA Neath Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Ecolab Leeds
Indirizz tal-manifattur	Lotherton Way, Garforth, LS25 2JY Leeds Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Leeds site 1 Lotherton Way, Garforth, LS25 2JY Leeds Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Esoform S.p.A.
Indirizz tal-manifattur	Viale del Lavoro 10, 45100 Rovigo L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Esoform S.p.A. site 1 Viale del Lavoro 10, 45100 Rovigo L-Italja

Isem tal-manifattur	Nalco Deutschland Manufacturing GmbH und Co.KG
Indirizz tal-manifattur	Justus-von-Liebig-Str. 11 D-64584 Biebesheim Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Nalco Deutschland Manufacturing GmbH und Co.KG site 1 Justus-von-Liebig-Str. 11 D-64584 Biebesheim Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Ecolab NETHERLANDS BV
Indirizz tal-manifattur	Brugwal 11, 3432NZ Nieuwegein In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab NETHERLANDS BV site 1 Brugwal 11, 3432NZ Nieuwegein In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Ecolab Weavergate
Indirizz tal-manifattur	Winnington Avenue CW8 3AA Northwich Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Weavergate site 1 Winnington Avenue CW8 3AA Northwich Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Ecolab Mullingar, Ireland

Indirizz tal-manifattur	Forest Park, Zone C Mullingar Ind. Estate, - Mullingar, Co. Westmeath, L-Irlanda
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Mullingar, Ireland site 1 Forest Park, Zone C Mullingar Ind. Estate, - Mullingar, Co. Westmeath, L-Irlanda

Isem tal-manifattur	Ecolab d.o.o.
Indirizz tal-manifattur	Vajngerlova 4 2000 Maribor Is-Slovenja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab d.o.o. site 1 Vajngerlova 4 2000 Maribor Is-Slovenja

Isem tal-manifattur	Ecolab Rozzano, Italy
Indirizz tal-manifattur	Via A. Grandi 9/11, 20089 Rozzano (MI) L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Rozzano, Italy site 1 Via A. Grandi 9/11, 20089 Rozzano (MI) L-Italja

Isem tal-manifattur	Ecolab B.V.B.A
Indirizz tal-manifattur	Havenlaan 4 3980 Tessenderlo Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab B.V.B.A site 1 Havenlaan 4 3980 Tessenderlo Il-Belġju

Isem tal-manifattur	Nalco Española Manufacturing, SLU
Indirizz tal-manifattur	C/Tramuntana s/n Polígono Industrial de Celrà 17460 Celrà Spanja
Post ta' siti ta' manifattura	Nalco Española Manufacturing, SLU site 1 C/ Tramuntana s/n Polígono Industrial de Celrà 17460 Celrà Spanja

Isem tal-manifattur	Ecolab production France SAS
Indirizz tal-manifattur	BP509, Avenue de Général Patton 51006 Châlons-en-Champagne Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab production France SAS site 1 BP509, Avenue de Général Patton 51006 Châlons-en-Champagne Franza

Isem tal-manifattur	Ecolab Mandra, Greece
Indirizz tal-manifattur	25km Old National Road Athens- Theve, - Mandra Attica Il-Greċja
Post ta' siti ta' manifattura	Ecolab Mandra, Greece site 1 25km Old National Road Athens- Theve, - Mandra Attica Il-Greċja

Isem tal-manifattur	NALCO FINLAND MANUFACTURING OY
Indirizz tal-manifattur	Kivikummuntie 1, FIN-07955 Tesjoki Il-Finlandja
Post ta' siti ta' manifattura	NALCO FINLAND MANUFACTURING OY site 1 Kivikummuntie 1, FIN-07955 Tesjoki Il-Finlandja

Isem tal-manifattur	Manufacturing Plant Cisterna Nalco
Indirizz tal-manifattur	Via Ninfina II 4012 Cisterna Di Latina, L-Italja
Post ta' siti ta' manifattura	Manufacturing Plant Cisterna Nalco site 1 Via Ninfina II 4012 Cisterna di Latina L-Italja

Isem tal-manifattur	Manufacturing Plant Fawley Nalco
Indirizz tal-manifattur	One buisness center 1180 SO45 3NP Hardley Hants Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Manufacturing Plant Fawley Nalco site 1 One buisness center 1180 SO45 3NP Hardley Hants Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Nalco Champion Plant, Tooling Plant, Aberdeen Nalco
Indirizz tal-manifattur	Minto Avenue, Alten Industrial Estate AB12 3JZ Aberdeen Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Nalco Champion Plant, Tooling Plant, Aberdeen Nalco site 1 Minto Avenue, Alten Industrial Estate AB12 3JZ Aberdeen Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Microtek Medical B.V.
Indirizz tal-manifattur	Hekkehorst, 24 7207 BN Zutphen In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Microtek Medical B.V. site 1 Hekkehorst, 24 7207 BN Zutphen In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Microtek Medical Malta Ltd.
Indirizz tal-manifattur	Sorbonne Centre F20 Mosta Technopark MST 3000 MOSTA Malta
Post ta' siti ta' manifattura	Microtek Medical Malta Ltd. site 1 Sorbonne Centre F20 Mosta Technopark MST 3000 Mosta Malta

Isem tal-manifattur	Innovate GmbH
Indirizz tal-manifattur	Am Hohen Stein, 11 06618 Naumburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Innovate GmbH site 1 Am Hohen Stein, 11 06618 Naumburg Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	CHRISTEYNS FRANCE S.A.
Indirizz tal-manifattur	31 rue de la Maladrie 44120 Vertou Franza
Post ta' siti ta' manifattura	CHRISTEYNS FRANCE S.A. site 1 54 avenue de la Plaine - ZI 13106 Rousset Franza

Isem tal-manifattur	Techtex
Indirizz tal-manifattur	Units 7 & 8, Rhodes Business Park, Silbum Way M24 4NE Middelton, Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Techtex site 1 Units 7 & 8, Rhodes Business Park, Silbum Way M24 4NE Middelton, Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Technical Textile Services Ltd
Indirizz tal-manifattur	Unit 4, Rhodes Business Park, Silburn Way M24 4NE Middleton, Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Technical Textile Services Ltd Unit 4, Rhodes Business Park, Silburn Way M24 4NE Middleton, Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Pal International Limited
Indirizz tal-manifattur	Unit 3 Mountpark, Victoria Road LE67 1FA Ellistown, Coalville Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Pal International Limited Unit 3 Mountpark, Victoria Road LE67 1FA Ellistown, Coalville Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	CID LINES NV
Indirizz tal-manifattur	Waterpoortstraat 2 8900 Ieper Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	CID LINES NV Waterpoortstraat 2 8900 Ieper Il-Belġju

Isem tal-manifattur	LABORATOIRES ANIOS
Indirizz tal-manifattur	3330 Rue de Lille 59262 Sainghin-en-Mélantois Franza
Post ta' siti ta' manifattura	LABORATOIRES ANIOS 3330 Rue de Lille 59262 Sainghin-en-Mélantois Franza

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Ineos Solvents Germany GmbH
Indirizz tal-manifattur	Römerstrasse 733, D-47443 Moers Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Ineos Solvents Germany GmbH site 1 Shamrockstrasse 88 D-44623 Herne Il-Ġermanja Ineos Solvents Germany GmbH site 2 Romestrasse, 733, D-47443 Moers Il-Ġermanja

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Shell Chemicals Europe B.V.
Indirizz tal-manifattur	Postbus 2334 3000 CH Rotterdam In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Shell Chemicals Europe B.V. site 1 Chemie BV/Shell Nederland Raffinaderij B.V., Vondelingenweg 601 3196 KK Rotterdam-Pernis, In-Netherlands

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	ExxonMobil Chemical Europe
Indirizz tal-manifattur	Hermeslaan 2 1831 Machelen Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	ExxonMobil Chemical Europe site 1 Fawley Refinery and Petrochemical Plant, Fawley SO45 1TX Southampton Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ExxonMobil Chemical Europe site 2 Baton Rouge Chemical Plant 4999 Scenic Highway 70805-3359 LA L-Istati Uniti

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Brenntag N.V.
Indirizz tal-manifattur	Nijverheidslaan, 38 8540 Deerlijk Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Shell Energy and Chemicals Park Rotterdam Shell Nederland Chemie BV/Shell Nederland Raffinaderij B.V., Vondelingenweg 601 3196 KK Rotterdam-Pernis In-Netherlands ExxonMobil Baton Rouge Refinery 4045 Scenic Highway Baton Rouge 70805 LA L-Istati Uniti

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	UNIVAR
Indirizz tal-manifattur	Steuber Drive M44 5AL Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	ExxonMobil Chemicals Fawley Refinery and Petrochemical Plant, Fawley SO45 1TX Southampton Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	30,3 - 65,66 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AE Dispensur tal-aerosol AL Kwalunkwe likwidu ieħor XX -Wipes lesti għall-użu mxarrba f'likwidu bbażat fuq l-ilma

PARTI II.

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Meta-SPC 1.1

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	60,61 - 65,66 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P280: Ilbes protezzjoni għall-wiċċ.

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Uża #1.1 – Diżinfezzjoni ta' wċuħ fi kmamar sterili bl-isprejjar jew mopp.

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Yeasts Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Enveloped viruses Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' wċuħ ibsin mhux poruż ta' kmamar sterili fl-industrija tax-xjenzi tal-ħajja.

Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar bi grillu jew tixrid b'mopp Deskrizzjoni dettaljata: Applikazzjoni diretta fuq uċuħ permezz ta' sprejjar bi grillu segwit minn imsiħ b'imselħa xotta għad-distribuzzjoni jew b'mopp.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: madwar 18 ml/m^2 Prodott lest għall-użu Numru u ħin tal-applikazzjoni: Kif meħtieġ
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun / kontenitur tal-Polyvinylpyrrolidone (PVP) jew (Politetheylene ta 'densità għolja (HDPE) ta' 0,5 litri - 10 litri (bi u mingħajr sprej bi grillu)

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Naddaf u xxotta l-uċuħ qabel id-diżinfezzjoni.

Applikazzjoni permezz ta' sprejjar bil-grillu fuq il-wiċċ: Iftaħ iż-żennuna qabel l-użu. Għall-aqwa riżultati żomm il-flixkun wieqaf u applika minn distanza ta' minn 10 ċm sa 20 ċm. Ara li l-uċuħ ikun mxarrba kompletament (18 ml/m^2, li jikkorrispondi għal 20 sprejjatura/m^2) u mbagħad imsaħ b'imselħa xotta biex tiddistribwixxi. Ħallih jieħu effett għal 5 minuti għal batterji, ħmejjer u viruses f'involukru u 15-il minuta għal fungi. Agħlaq dejjem iż-żennuna wara l-użu. M'għandekx tittrasferixxi l-prodott fi flixkun tal-isprejjar bil-grillu, iżda applika minn pakkett li fih sprejer bil-grillu.

Applikazzjoni fuq l-uċuħ bil-mopp: Xarrab il-mopp nadif bil-likwidu billi tuża barmil tal-mopp u applika fuq il-wiċċ li jeħtieġ diżinfezzjoni. Ara li l-wiċċ ikun imxarrab kompletament (18 ml/m^2). Ħallih jieħu effett għal 5 minuti għal batterji, ħmejjer u viruses f'involukru u 15-il minuta għal fungi. Mhux meħtieġ imsiħ addizzjonali.

Tħallatx il-prodott ma' prodotti oħra. M'għandekx tferra' kwalunkwe prodott mhux użat lura fil-kontenitur oriġinali.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Evita l-kuntatt ma' l-għajnejn.

Waqt l-imsiħ bil-mopp għandek tilbes ingwanti, protezzjoni tal-għajnejn u tagħmir ta' protezzjoni respiratorja (RPE) ta' fattur ta' protezzjoni ta' 10. Persunal mingħajr protezzjoni m'għandux ikun preżenti fil-kamra waqt id-diżinfezzjoni bil-mopp.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Effetti Potenzjali fuq is-Saħħa

Għajnejn – Jagħmel irritazzjoni serja lill-għajnejn.

Ġilda - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Inġestjoni - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Mit-teħid bin-nifs - Jekk jittieħed bin-nifs jista' jikkawża effetti fuq is-sistema nervuża ċentrali.

Esponiment Kroniku - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Miżuri tal-ewwel għajnuna

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Aħsel il-ġilda bis-ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek. Agħti xi ħaġa biex tixrob, jekk persuna esposta tista 'tibla'. Tinduċix rimettar. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Imxi għall-arja friska u żomm mistrieħ f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu (5.4).

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu (5.5).

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Jekk jogħġbok irreferi għall-istruzzjonijiet għall-użu speċifiċi għal meta-SPC 1

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Jekk jogħġbok irreferi għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għal meta-SPC 1

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Jekk jogħġbok irreferi għall-informazzjoni speċifika għal meta-SPC 1

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Prodott

Fejn huwa possibbli huwa ppreferut ir-riċiklaġġ mir-rimi jew inċinerazzjoni. Jekk ir-riċklaġġ mhuwiex prattiku, iddisponi b'konformità mar-regolamenti lokali. Iddispona mill-iskart f'faċilità għar-rimi ta' skart approvata.

Imballaġġ ikkontaminat

Armi kwalunkwe prodott mhux użat. Kontenituri vojta għandhom jittieħdu f'sit tal-immaniġġjar tal-iskart approvat għar-riċiklaġġ jew rimi. Terġax tuża kontenituri vojta. Armi f'konformità mar-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali.

Residwi tal-prodott

M'għandekx tferrex prodott mhux użat fl-art, fil-korsiji tal-ilma, f'pajpijiet (sink, tojlits...) u lanqas fid-drenaġġ.

Iddisponi minn prodott mhux użat, l-ippakkjar tiegħu u kull skart ieħor, skont r-regolamenti lokali.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Aħżen 'il bogħod mid-dawl tax-xemx dirett u f'temperatura bejn 0°C sa 25°C

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 24 xahar

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

L-iskeda ta' data ta' sigurtà u teknika hija disponibbli għal utenti professjonali fuq talba.

Intużaw AEL akut/għal żmien medju/għal żmien twil 17,9 mg/kg piż tal-ġisem (bw)/jum għall-ħaddiema professjonali u AEL akut/għal żmien medju/għal żmien twil 10,7 mg/kg bw/jum għall-valutazzjoni tar-riskju fir-Rapport ta' Valutazzjoni dwar Propan-2-ol fil-TP2 - il-Ġermanja - (Jannar 2015).

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	Klercide 70/30 IPA	qasam tas-suq: UE
	Klercide non-sterile 70/30 IPA	qasam tas-suq: UE
	Klercide 70/30 IPA non-sterile	qasam tas-suq: UE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028425-0001 1-1	

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	63,27 % (w/w)

1. **META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 2 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: Meta-SPC 1.2

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Dižinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	60,61 - 65,66 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

Tip(i) ta' formulazzjoni	XX -Wipes lesti għall-użu mxarrba f'likwidu bbażat fuq l-ilma

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Трејјipx.

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Uża #2.1 – Diżinfezzjoni ta' wċuħ f'kamra sterili bl-imsiħ

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Bacteria Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Yeasts Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: l-ebda data Isem xjentifiku: l-ebda data Isem komuni: Enveloped viruses Istadju iżvilupp: l-ebda data
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' wċuħ ibsin mhux poruż ta' kmamar sterili fl-industrija tax-xjenzi tal-ħajja permezz bl-imsiħ.

Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Imsieħ Deskrizzjoni dettaljata: Applikazzjoni diretta fuq uċuħ bl-imsiħ b'imsielaħ imxarrba minn qabel.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: madwar 10 ml/m^2 Prodott lest għall-użu Numru u ħin tal-applikazzjoni: Tubu (200 wipe/pakkett, 230 × 200, Taħlita ta' materjal sintetiku/ċelluloża): madwar 0,13 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda Tubu (100 wipe/pakkett, 200 × 230, Taħlita ta' materjal sintetiku/ċelluloża): madwar 0,23 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda Mopp (10 wipe/pakkett, 420 × 250, Poliester/ċelluloża): madwar 1,1 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda Borża (15-il wipe/pakkett, 200 × 200, Poliester/ċelluloża): madwar 0,33 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda Borża (10 wipes/pakkett, 200 × 200, 100% poliester): madwar 0,51 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda Borża (15-il wipe/pakkett, 300 × 300, Poliester/ċelluloża): madwar 0,47 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda Borża (10 wipes/pakkett, 300 × 300, 100% poliester): madwar 0,73 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'wipe waħda
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Tubu (HDPE) (100-200 imselħa/pakkett, 200 × 230, Taħlita ta' materjal sintetiku/ċelluloża) Borża (10-30 imselħa/pakkett, 200 × 200, Poliester/ċelluloża, 100% poliester) Borża (10-30 imselħa/pakkett, 300 × 300, Poliester/ċelluloża, 100% poliester) Wipe tal-mopp (10-30 wipe/pakkett, 420 × 250, Poliester/ċelluloża)

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Naddaf u xxotta l-uċuħ qabel id-dżinfezzjoni.

Imsieħ: Imsaħ il-wiċċ li jrid jiġi dżinfettat. Uża l-imselħa darba. Ara li l-wiċċ ikun imxarrab kompletament (10 ml/m^2).

Madwar 0,13-1,1 m^2 jista' jiġi dżinfettat b'imselħa waħda skont l-imselħa.

Ħallih jieħu effett għal 5 minuti għal batterji, ħmejjer u viruses f'involukru u 15-il minuta għal fungi. Armi l-imsielaħ fil-landa tal-iskart magħluqa xierqa immedjatament wara l-użu. Mhux meħtieġ imsiħ addizzjonali.

Għal imsielaħ f'pakketti multipli, agħlaq il-pakkett wara li tiftħu.

Tħallatx ma' prodotti oħrajn.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

-

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Effetti Potenzjali fuq is-Saħħa

Għajnejn – Jagħmel irritazzjoni serja lill-għajnejn.

Ġilda - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Inġestjoni - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Mit-teħid bin-nifs - Jekk jittieħed bin-nifs jista' jikkawża effetti fuq is-sistema nervuża ċentrali.

Esponiment Kroniku - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Miżuri tal-ewwel għajnuna

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

